# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001

**Numru 20**

**Avviz. numru 1380/00mm**

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera Royal And Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha Thomas Tonna u l-istess Thomas Tonna**

**vs**

**Joseph Stivala**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fis-27 ta' Settembru 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut bhala responsabbli ghall-kollizzjoni li grat tort tal-konvenut fit-30 ta' Jannar 2000 f'Bingemma Road, Rabat, bejn il-vettura JST 001

misjuqa mill-konvenut u l-vettura BAF 692 misjuqa minn Amante Tonna, ta' proprjeta' tal-attur Thomas Tonna u assigurata mal-kumpanija attrici u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u (2) ghaliex m'ghandhux jigi ghaldaqstant kundannat ihallas in linea ta' danni tlett mija tnax-il lira Maltin wiehed u erbghin centezmi (Lm312.41c) kwantu ghal mija tnejn u sittin lira Maltin wiehed u erbghin centemzi (Lm162.41c) lill-kumpanija attrici liema somma sburzata taht il-polza u kwantu ghal mija u hamsin lira maltin (Lm150) lill-attur Thomas Tonna bhala s-somma li bata minn butu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2000 u dawk tal-ittra ufficjali kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax tat-8% fis-sena mit-2 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Stivala fejn eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok trid tingieb il-prova tas-surroga kif imsemmija fl-avviz.

2. Illi t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi peress illi l-incident awtomobilistiku oggett ta' din il-kawza sehh unikament tort ta' l-istess attur Thomas Tonna minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat: -

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi grat fit-30 ta' Jannar 2000 ghal habta tas-siegha neqsin kwart go Bingemma Road, limiti tar-Rabat bejn il-karozza JST 001 misjuqa minn Joseph Stivala u l-karozza BAF 692 misjuqa minn Amante Tonna. L-incident gara fi triq serpegganti tal-kampanja f'lilwa pjuttost iebsa fejn jidher illi z-zewg sewwieqa ma ndunawx bil-presenza ta' xulxin.

Amante Tonna xehed illi kien qed isuq b'xi 30 kilometru fis-siegha (30k.f.s.) u kien qed inaqqas il-velocita' tieghu hekk kif wasal ghal din il-kurvatura, izda kif wasal fuqha tfaccat il-ponta tal-karozza l-ohra misjuqa minn Stivala u ghalhekk ghafas il-brake pero' ma setghax jevita l-incident. Tonna ighid li ma kienx hemm xi velocita' eccessiva da parti taz-zewg sewwieqa, pero' t-triq kienet tant dejqa illi ma jghaddux zewg karozzi jew inkella jghaddu bl-ezatt. Wiehed irid joqghod attent.

Meta l-konvenut rah, ukoll ghafas il-brake, pero' baqa' sejjer ghad-dritt u spicca fil-posizzjoni kif indikat fl-sketch. Irrizulta illi f'din it-triq, kemm fuq in-nahha tax-xellug u kemm fuq in-nahha tal-lemin hemm hafna zrar u haxix u anke xi gebel li jkun waqa

mill-hajt tas-sejjieh, fejn allura kien jirrikjedi aktar attenzjoni u sewqan ridott da parti ta' min juza din il-parti tat-triq.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi s-sewwieqa ghandhom ikunu responsabbli ghal dan l-incident b'mod ugwali. Ma jidhirx li kien hemm xi ksur daqshekk serju tar-regolamenti tat-traffiku, biss peress si tratta ta' triq serpegganti fil-kampanja kien jirrikjedi hafna prudenza u attenzjoni u l-partijiet ma kellhomx isuqu l-quddiem sakemm ma kienux certi li t-triq hija libera (ara Aaron Scicluna vs Paul Azzopardi Prim Awla 15 ta' Jannar 1993).

Minhabba l-konfigurazzjoni u l-kondizzjoni tat-triq ma kienx possibli ghall-Qorti biex tiddetermina min kien qieghed isuq mal-linja medjana u min kien qieghed fuq il-parti tieghu tat-triq. Hu probabbli illi kif xehdu l-partijiet it-triq hija tant dejqa illi bilkemm jistghu jghaddu zewg karozzi magemb xulxin. Hi xinhi, jibqa' l-fatt illi xorta s-sewqan ghandu jkun kemm jista jkun fuq in-nahha tax-xellug tat-triq.

Irrizulta illi z-zewg sewwieqa kienu jafu sew il-kondizzjoni tat-triq u l-ghamla taghha u ghalhekk forsi l-velocita' li kienu ghaddejin biha ghad illi kienet ridotta ma kienetx prudenti ghal dak il-post partikolari fejn gara l-incident u ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti jidhirlha illi ghal dan l-incident ghandhom ikunu responsabbli z-zewg sewwieqa u fi kwoti ugwali bejniethom.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici. Tiddikjara lill-partijiet responsabbli ghal dan l-incident li gara fit-30 ta' Jannar 2000 f'Bingemma Road, Rabat bejn il-karozza JST 001 misjuqa mill-konvenut u l-vettura BAF 692 misjuqa minn Amante Tonna u dana fi kwoti ugwali bejniethom stante li t-tnejn ma osservawx ir-regolamenti tat-traffiku. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' mija u sitta u hamsin lira u ghoxrin centezmu (Lm156.20c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dina c-cifra hekk likwidata lill-atturi.

Bl-ispejjez li ghandhom jigu ripartiti kwantu ghal nofs l-atturi u nofs ghal konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg